# <u>Tribunal Industrijali</u>

# <u>Decizjoni Numru: 2736</u>

Kaz Nru: 3247/14/AM

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Michael Sciberras

u

Malta Freeport Corporation

*dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta*

**<u>Chairperson: Dr Anna Mallia LL.D., LL.M. (lond)., Dip. Tax (MIT)</u>**

Illum il-Gimgha 14 ta' Mejju, 2021

It-Tribunal,

Ra r-rikors tar-rikorrent Michael Sciberras li permezz tieghu ppremetta u talab dan li gej:

Li huwa kien impjegat b'kuntratt indefinit bhala Assistant Senior Security Controller.

Illi b'ittra tad-19 t'April 2014 l-esponent gie nfurmat illi l-impjieg tieghu gie terminat u dana b'effett retroattiv sa mit-13 ta' Frar 2014 liema tkeccija fl-umli fehma ta' l-esponent tikkostitwixxi tkeccija ngusta u dana stante li ma nghatax opportunita' ta' smiegh xieraq qabel ma tkecca;

Illi sussidjarjament u minghajr pregudizzju ghas-suespost l-esponent se mai kellu jigi sospiz pendenti l-proceduri gudizzjarji, izda ghal ragunijiet innoti l-korporazzjoni qabdet u tterminat l-impjieg;

Ghaldaqstant l-esponent jitlob reverentement lil dan it-Tribunal jezamina l-kaz tieghu u jikkonkludi li t-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent tigi meqjusa bhala ngusta u konsegwentement jigi ordnat li huwa jerga' jidhol ghax-xoghol u/ jew jaghti kumpens xieraq fic-cirkostanzi.

Ra d-dikjarazzjoni tal-istess rikorrent li permezz taghha fol 8 ddikjara li fis-16 ta' Frar 2014 huwa gie akkuzat flimkien ma' terzi quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti Istruttorja b'diversi akkuzi fosthom dawk ta' allegat serq u fil-15 ta' Frar 2014 huwa gie ordnat johrog fuq vacation leave sakemm jigu terminati l-proceduri kriminali izda u minkejja li l-process kriminali ghadu pendenti fid-19 t'April 2014 li huwa gie nfurmat li l-impjieg tieghu gie terminat b'effett mit-13 ta' Frar 2014.

Ir-rikorrent jghid li huwa ma setghax jinhareg on vacation leave u fl-istess nifs jitkecca b'mod definittiv izda huwa kellu jigi sospiz mix-xoghol sakemm jigu konkluzi l-proceduri kriminali. Proceduri ta' dixxiplina kontra tieghu ma ttiehdux kif lanqas qatt gie mgharraf x'kienu l-akkuzi fil-konfront tieghu, ma nghatax l-opportunita' jiddefendi ruhu u jressaq dawk l-argumenti u provi li huwa ghandu sabiex juri l-innocenza tieghu.

Ghalhekk huwa jikkontendi li t-terminazzjoni tal-impjieg tieghu hija llegali, ghandha wkoll indoli ta' ksur ta' drittijiet fundamentali tal-bniedem kif sancit fil-Kostituzzjoni ta' Malta u dana minhabba n-nuqqas karenti ta' equality of arms u l-mod unilaterali ghall-ahhar li bih ghazlet li timxi s-socjeta' ntimata.

Illi bhala rimedju huwa jikkontendi li d-decizjoni tat-terminazzjoni ghandha tigi meqjusa bhala nulla u bla effett u konsegwentement huwa ghandu jerga' jigi ordnat li jidhol ghax-xoghol b'effett immedjat u li huwa jiehu dak dovut lilu bhala salarju kif ukoll li jigi likwidat kumpens xieraq in vista tad-danni li huwa sofra minhabba decizjonijiet skorretti u llegali tas-socjeta' ntimata.

Illi meta gie terminat lilu l-impjieg fid-19 t'April 2014 fol 11 ir-raguni moghtija lilu hija li huwa ma mexiex skond 'the established Procedures for Cargo Release' li huwa kien obligat li josserva u jinfroza izda li naqas milli jaghmel dan meta huwa ma talabx d-dokumentazzjoni necessarju fl-MFTL Main Gate u li jilloggja d-dettalji necessarji u talli 'having transacted the hauler truck during non-operational gate hours'.

Illi fid-dikjarazzjoni tal-kaz taghha fol 13 il-Korporazzjoni tispjega li r-rikorrent kien impjegat bhala Assistant Senior Security Controller mall-Korporazzjoni; li fit-13 ta' Frar 2014 huwa kien on duty container tal-ghoxrin pied bin-numru TEMU 201345 mimli sigaretti thalla johrog illegalment mill-Freeport; li huwa wettaq numru ta' nuqqasijiet kbar u vjolazzjonijiet tal-Procedures for Cargo Release fosthom li jaghmel scan tal-access cards tal-hauler u tal-passaggier, naqas milli jitlob li jinghata d-dokumentazzjoni mehtiega fil-main gate tal-Freeport Terminal, naqas milli jilloggja d-dettalji ta' tali nformazzjoni u dokumentazzjoni kif mehtieg skond il-procedura u ppermetta l-hrug u t-transitu ta' dan il-hauler truck barra mill-hinijiet li fihom suppost jitranzitaw vetturi mill-gate tal-Freeport Terminal liema Proceduri huwa kien fid-dmir li josserva u li jigu osservati. Illi dawn in-nuqqasijiet u vjolazzjonijiet huma ta' natura gravissima u serjissima u jwasslu ghat-tkeccija ta' mpjegat li jwettaq talli vjolazzjonijiet; li gew istitwiti proceduri kriminali kontra r-rikorrent u li tali agir johloq pregudizzju enormi lill-Korporazzjoni li hija nkarigata li tipprovdi s-servizz ta' sigurta fil-Freeport Terminal taht kuntratt, u li kaz bhal dan ihammeg ir-reputazzjoni tal-Korporazzjoni ntimata u li ghalhekk id-decizjoni li jigi terminat l-impjieg tar-rikorrent kienet wahda gusta, valida u korretta.

Il-korporazzjoni prezentat ma' din id-dikjarazzjoni hames dokumenti: Dok A sample ta Gate in Entry Form, Dok B sample ta' Gate-In Full Container Form l, Dok C Gate In Activity Report tad-data in kwistjoni minn fejn jirrizulta li l-container in kwistjoni ma saret ebda entry dwaru, Dok D sample ta' Gate-Out Empty Container Form, Dok E Sample ta' Gate-Put full Container Form u Dok F Gate Out Activity Report relattiva ghad-data in kwistjoni minn

fejn jirrizulta li l-container in kwistjoni ma saret ebda entry dwaru u rrilevat li Dok A, B, D u E ma jezistux fil-kaz in kwistjoni.

A fol 48 et xehed ir-**rikorrent in subizzjoni** li kkonferma li huwa kien impjegat bhala Assistant Security mall-Korporazzjoni Ntimata ghal dawn l-ahhar sentejn u qabel kien jahdem bhala Security ghal erbatax-il sena. Jammetti li jaf li jezistu manuals ta' kif tigi manned il-gate u kif johrog track. Jaf li l-containers jidhlu mis-sitta jew sitta neqsin ghaxra ta' filghodu sas-sitta ta' filghaxija. Dawk li jkollhom dokument specjali bhal fish farm jidhlu kull hin. Li hemm tlett bnadi minn fejn jistghu jidhlu u johorgu dawn il-containers - tan-nofs jidhlu u johorgu, tal-lemin dhul biss u tax-xellug hrug biss. Li jkun hemm tlieta sa erbgha securities fil-gate, wiehed fuq il-hrug, wiehed fuq id-dhul u tnejn ohra fil-gate tan-nofs. Li meta jkun diehel container jew vettura jkun hemm security li jiskanja l-card/tag li turi li inti awtorizzat tidhol gol-Freeport. Il-persuna koncernata tapplika ghaliha din it-tag anke l-burdnara. Meta burdnar jidhol fil-Freeport xoghol is-security huwa li jiskenja l-card tieghu, jimxilu bit-trakk, jiftahlu l-container jara li huwa vojt u jkun jista' jidhol. Jekk ikun mimli niccekkjawlu s-sigill li jaqbel mall-pass u dan isir b'apparat li jsejhulu gun. U jekk ikun hemm passiggier fit-truck irid jitlob permess. Huwa fuqu kellu lil Carol Muscat u fuqhom Mario Zammit u tahtu kellu erbatax-il security. Ir-rikorrent jammetti li meta t-trakk ikun vojt itik pass celesti u dan il-pass jaghtih lis-security l-burdnar, u xogholu jkun li jiccekkja n-numru tal-container ghal darba darbtejn u jidhol il-gewwa u x'hin jimxi t-trakk tqabbel kollox mall-pass in-number , tikteb isem ix-xufier, ticccekkja li huwa vojt u jkun jista' jidhol. Fil-pass ir-rikorrent spjega li huwa jimla isem ix-xufier, tikteb in-numru tat-trakk u taghmillu empty tqabbel is-seba (7) numru li jkun hemm mall-container u daqshekk.

Meta muri Dok A prezentat mill-Korporazzjoni Ntimata mad-Dikjarazzjoni tal-Kaz taghha r-rikorrent xehed li dak huwa Gate In meta dehlin u huwa jiccekkja l-erba' digits, l-hin, n-numru ta' track u jimmarkalu meta jiccekkjah ikunx vojt u taghmillu empty. Dan huwa l-pass li xehed dwaru qabel u li huma jirreferu ghalih bhala Pass. Il-Pass jinzamm go kaxxa u dak il-hin li jidhol it-trakk hemm board bil-clip u jwahhluh fuqha. Fl-ahhar tax-shift dawn jitpoggew go kaxxa, u jtuhom lis-Securities ohra biex jiccekkjawhom il-containers li johorgu li dahlu matul il-gurnata. Huwa xehed li pass celest jinhareg meta l-container ikun vojt u pass isfar bil-karta bajda fuqu meta l-container ikun mimli. Huwa spjega li Dok B esebit mill-Korporazzjoni jimtela meta l-container ikun mimli. Huwa ccara rega' li jekk il-pass ikun celest jindika li jkun vojt u jekk isfar ikun mimli fol 56. Mall-gate ikun hemm erba' jew hames security u tnejn minnhom ikunu fil-gate tan-nofs ghax jidhlu u johorgu, wiehed fil-gate tal-lemin u iehor fil-gate tax-xellug.

Ir-rikorrent kompla jispjega li containers vojta jew milija jidhlu min-naha tal-lemin fejn ikun hemm is-security irid jaghmel xogholu, tan-nofs jidhlu u johorgu vetturi pero' johorgu containers vojta, fuq wara hemm gate tad-dwana jieqaf fejn tad-dwana l-ewwel imbaghad hu u hiereg jigi ghand security u mbaghad nistghu nirrilizjawh. Jekk ikun mimli bilfors irid johrog minn naha tax-xellug bil-fors.

Dwar Dok C Gate In Activity Report, esebit mill-Korporazzjoni Ntimata, r-rikorrent xehed li meta jaghlqu l-gate huma jaqbdu l-passes u jitfghuhom f'xi kaxxa u s-senior itihom lil xi

security biex jiccekkja l-passes il-blue u s-sofor ikunu ghalihom sofor u blue ghax kienu jkunu mqassmin u ticcekkja jekk huwa empty il-containers dwar li dahlu.

Dwar Dok D dan huwa Gate Out ikun pass celesti meta jkun hiereg il-container jieqaf ghand tad-dwana jiccekkja l-container tad-dwana, jasal ghandu jaghtih l-pass iqabbel in-numru tal-container ma' dak li hu mill-pass tieghu ghal darba darbtejn, jikteb n-numru tat-trakk l-isem tax-xufier u jkun jista' johrog.

Ir-rikorrent xehed li ma jafx x'inhu l-involviment tad-Dwana meta container ikun diehel **izda meta jkun hiereg huwa jaf ghax jieqaf it-trakk imorru jiccekkjaw li jkun vojt imbaghad 'jigi fuqi jiena niccekkja li huwa xogholi u minn hemmhekk jekk ikun kollox jaqbel ikun jista' johrog il-container issa jekk inbiddlu xi proceduri ma nafx. ' (**highlighted minn dan it-Tribunal).

Dwar Dok E r-rikorrent spjega li dan huwa dokument ta' meta container ikun mimli u dan johrog min-naha tax-xellug tal-gate u mhux min-naha tan-nofs, jiccekkjaw in-numru tal-container, isem ix-xufier, l-ID card tieghu u d-dokumenti normali u timtela l-formola isfar bl-ahjad.

Dwar dak li gara fit-13 ta' Frar 2014 huwa jammetti li dakinhar kien xoghol il-Freeport u beda xoghol fis-siegha neqsin kwart ta' wara nofsinhar. Huwa kien fil-gate ta' isfel minn fejn jidhlu l-haddiema u mbaghad kellhom bzonnu l-gate ta' fuq u kompla bix-xoghol tieghu normali. Dan kien xi t-tlieta u kwart t-tlieta u ghaxra. Huwa mar fil-main gate tan-nofs. Fil-gate tal-lemin kien hemm Security Joseph Chircop, fin-nofs kien hemm hu u Carol s-senior tieghu. Lil Rokku Agius jafu bhala burdnar izda ma jafx jekk dahalx dak il-hin li huwa kien xoghol mall-main gate u dan ghax huma ma jkunux fuq in-naha tad-dhul izda lanqas huwa u hiereg ma rah. Huwa jammetti li fejn kien hu johorgu vetturi u containers vojta u la jghaddu minn nofs ikun container vojt. Huwa lil Rokku Agius ma skenjalux il-card ghax ma rahx – containers johorgu hafna hemmhekk.

**Fl-affidavit tieghu a fol 287 et ir-rikorrent** jghid li huwa dahal jahdem mall-Korporazzjoni Ntimata fis-sena 2000 u ghamel jahdem hemm sa Frar 2014 meta gie mkecci. Huwa jghid li qatt ma nghata warnings u baqa' javvanza sakemm lahaq Assistant Senior. Huwa jiehu hsieb 15-il ufficjal ta' sigurta' tal-Korporazzjoni, jaghmel patrol, josserva x'inhu jigri fl-akwati, jara li kuladd qieghed postu fuq xogholu, jaghmel rapport ta' ncidenti bhal fil-kaz ta' korriment fuq ix-xoghol, trakkijiet li jahbtu jew hsara ta' krejnijiet. Dan kien jaghmlu fuq struzzjonijiet tas-superjuri tieghu.

Dakinhar xogholu kien li joqghod mall-gate ta' isfel sabiex isiru inspections fuq impjegati tax-Xatt u tal-Freeport li jaghmel spotchecks sporadici ma' ufficjali ta' sigurta' ohra. Kif lesta mix-xoghol tal-ispections tal-impjegati li kienu hergin mill-gate ta' isfel, is-senior tieghu Carol Muscat cempillu sabiex jitla' jaghti daqqa t'id fil-gate ta' fuq minn fejn kienu johorgu l-containers u l-karozzi. Huwa tela' hdejn il-gate ta' fuq li ghandha tlett karreggjati. Huwa spjega l-ewwel karreggjata Gate In u l-karreggjati minn fejn johorgu l-containers mimlijin Gate Out u l-karreggjata tan-nofs minn fejn jghaddu l-vetturi u trakkijiet li jidhlu u johorgu u jigu scanned u containers vojta biss. Meta jghaddi container il barra mil-lane tan-nofs hu

dover tal-ufficjal tad-Dwana li jvverifika li l-container huwa verament vojt u xogholu huwa li wara li jiehu l-pass minghand l-burdnar jikteb isem il-burdnar, n-numru ta' truck u jqabbel il-container number mall-pass li jaghtih l-burdnar. Jekk in-numri jkunu ma jaqblux xogholu kien li jinforma lis-Senior. Huwa jinsisti li huwa innocenti u li dakinhar huwa ma kienx l-uniku ufficjal ta' sigurta' f'dik il-karreggjata pero' xorta wahda passi kontra tieghu biss hadu. Huwa jghid li l-gate veru li suppost tkun maghluqa izda fil-prattika meta jkun hemm hafna trakkijiet u vetturi hergin f'daqqa u jkun hemm serbut ta' vetturi l-prassi kienet li l-gate tibqa' miftuha u mhux joqghodu jifthu u jaghlqu l-gate ghal kull karozza. Xorta pero' kienu jispezzjonaw kull vettura li tghaddi.

In kontro-ezami fol 348 ir-rikorrent xehed li huwa qatt ma nghata warnings u meta muri t-tlett written warnings li nghata f'Gunju 2003, Ottubru 2003 u Ottubru 2009 huwa wiegeb li f'wahda biss hemm il-firma tieghu dik a fol 346. Jigi rilevat li tali warning tghid hekk: Due to my duty dated 15th October 2009 during morning shift from 05.30 till 13.00 I performed my duty at gate, by checking in coming containers. It appeared that said container was declared as an empty container as the gate in pass handed by haulier was an empty container pass. By mistake the said container was not checked properly'. Ir-rikorrent ikkonferma li fil-gate out l-container l-ewwel jghaddi mid-Dwana mbaghad hemm scanner u mbaghad jieqaf fejn is-security. Meta mitlub jikkonferma li dak huwa radiation scanner ir-rikorrent wiegeb li ma jafx u ghalih huwa speci ta' scanner. Huwa jammetti li minn lane 3 johorgu l-containers vojta li l-ewwel jieqfu d-Dwana u d-Dwana jirrilaxxaw johrog jew ma johrogx. Hija d-Dwana li ticcekkja l-container hux vojt u xogholu huwa li jaghtuh l-pass, iqabbel il-container number jiehu isem id-driver, n-numru tat-truck, xhin ikun kollox jaqbel ikun jista' johrog. Xehed li mhux xogholi jiftah il-container jiccekkja l-container hux vojt dak xoghol id-Dwana u mhux is-security. Jekk il-container ikun vojt il-pass ikun blue minghajr karta bajda ghax meta jkun karta bajda u blue jrid johrog minn Gate 4 tal-out. Meta jkun vojt minghalih ikun isfar mhux blue mhux cert pero' huwa cert li huma bhala security ma ghandhomx dritt jifthu jew jaghlqu l-container. Xogholhom huwa li meta johrog container minn hemmhekk jaraw li l-container hu l-istess number, l-isem tad-driver u jiktbu t-truck number ukoll. Meta gie suggerit lilu li l-pass ta' meta container ikun vojt huwa blue r-rikorrent wiegeb li nesa. Meta container johrog mil-lane tan-nofs dak ikun sinjal li l-container ikun vojt u l-iccekjar isir mid-Dwana u huma ma ghandhomx dritt jiccekkjawh.

Ra x-xhieda ta' **Jesmond Baldacchino Head IT** tal-Korporazzjoni ntimata fol 72 et li spjega li dakinhar cemplulu d-dar u ordnawlu sabiex jirripriserva l-filmati mis-sistema tas-CCTV ta' dak li gara fit-13 ta' Frar. Mill-footage li gie muri quddiem dan it-Tribunal diversament preseduta fol 81 huwa spjega li l-filmat juri li fit-3.30pm tat-13 ta' Frar jidher li l-container dahal vojt b'mod totalment korrett u kellu xi hadd mieghu li nizlu u tela' jsuq lifter illegalment ghax min kien impjegat mall-Korporazzjoni kien bis-sick leave.

A fol 90 et xehed l-**ispettur Rennie Stivala** l-ufficjal li nvestiga dan il-kaz li mill-filmati tal-Korporazzjoni huwa ra lir-rikorrent adett mall-gate, kien hemm l-ufficjal tad-Dwana Amabile Grech li hija akkuzata wkoll mar-rikorrent li kien qieghed fuq postazzjoni ftit qabel mall-gate fejn kien hemm ir-rikorrent u maghhom tressaq ukoll Rokku Agius li jidher hiereg

bit-trakk mill-filmat. Fi proceduri separati ttiehdu proceduri kontra hu Rokku Agius, Sergio Agius.

L-ispettur spjega li dan il-container kellu Container Monitoring Unit Hold fis-sistema jigifieri qatt ma seta' jiccaqlaq hlief on the grounds tal-Freeport bil-permess ta' min ghamel dik il-hold voldieri jiccaqlaq biex jiehu container minn tahtu jew biex jahdmuh jew biex jiccekkjawh tad-Dwana u li qatt ma seta' johrog mill-Freeport Zone sakemm ma jigix iklerjat. Il-container kien mimli u ghalhekk qatt ma seta' hareg mil-lane ta' fejn kien jidher hiereg ghax suppost hareg mill-ohra minn fejn johrog ix-xoghol mghobbi. Kien CMU hold ghaliex kien hemm xi kwistjoni dwar jekk is-sigaretti kontenuti fih kienux irregolari, saret inspection fizika tad-Dwana voldieri fethuh, hargu minnu, raw x'fih u ddikjarawh u zammewh maqbud sakemm jicccaraw affarijiet ohra u in the meantime gie nieqes.  Kien twenty food container mimli 450 master case u kull master case ikun fiha hamsin grossa sigaretti u kull grossa jkun fiha 10 pakketti. F'dan il-kaz ma jirrizultax li l-container gie ccekkjat hux vojt meta hareg mill-Freeport.  Mill-filmati li ghaddewlu r-rikorrent jidher li qed jircievi xi haga u jpoggiha fil-but izda l-pass baqa' ma nstabx u jidher ukoll li fil-25 ta' Frar filghodu qabel il-Freeport fetah ghal business ir-rikorrent jidher qieghed mall-gate meta x-xoghol jibda fis-sitta u nofs ta' filghodu u jidher ukoll fis-sitta neqsin xi haga minuti tmienja seba' minuti xi haga hekk jidher ir-rikorrent diehel l-istess truck l-istess container diehel bhala battal minghajr ma gie ccekjat u t-trakk hareg xi hames minuti wara z-ziemel bit-trailer vojt ghax il-container imbattal baqa' gewwa.  Kemm fit-13 u fl-14 ta' Frar Rokku Agius mill-filmati ma kienx wiehed fiz-ziemel u kien hemm haddiehor mieghu.

A fol 103 xehed **Dr Aaron Farrugia CEO Malta Freeport**, li spjega l-operat tal-Freeport u l-filmati li kien ghaddielu Alex Montebello u li ra mieghu u l-ko-ordinazzjoni li saret mall-ispettur Rennie Stivala. Huwa jiftakar li wara l-kaz iltaqa' darbtejn ma' missier ir-rikorrent, li ma kienx jista' jwiegeb jekk ir-rikorrent qatt kellux proceduri dixxiplinari, u dwar li huwa gieli baghat ghar-rikorrent biex isaqsih xi jkun qed jigri, Farrugia wiegeb li iva izda dwar il-feedback li kien jaghtih huwa wiegeb li ma setghax jghaddi kumment.  Huwa jaqbel li hemm ftehim kollettiv bejn il-Korporazzjoni u l-UHM u mistoqsi jikkonferma li tali ftehim jghid li persuna qabel ma titkecca anke jekk ikollha proceduri kriminali trid l-ewwel tintbaghat tidher quddiem il-bord ta' dixxiplina, huwa wiegeb li l-kaz kien importanti hafna ghalihom ghax kien jikkoncerna s-sigurta' u kienet decizjoni tal-Bord tad-Diretturi li wara li ra li kellu hafna evidenza li gie deciz li jittermina l-impjieg tar-rikorrent minhabba s-serjeta tal-kaz.

A fol 123 et fl-affidavit tieghu **Clayton Fiteni Chief Security Officer** mall-Korporazzjoni Ntimata, xehed li persuna biex tidhol got-terminal irid ikollu card ta' access, li hemm tlett tipi ta' cards, pass ta' gurnata, pass validu sa xahar li jkun bl-ahdar, pass validu ghal sena li jinghata lil min ghandu xoghol fiss u/jew jidhol regolarment got-terminal bhal burdnara.

Xoghol is-security officer li jkun xoghol fil-gate In hu li jiskenja l-card lill-persuna li trid tidhol got-Terminal u jaghtihielu lura.  Jekk timmarka bl-ahdar ifisser li ghandu l-access li jista' jidhol u jekk bl-ahmar le.  Is-security officer irid jivverifika li d-dettalji tieghu jaqblu

mad-dettalji li jidhru fuq ic-chit li tinghata maghha. Ic-chit ukoll tidher fuq dokument li gie anness mall-affidavit tieghu.

F'kaz li l-container ikun vojt jew mimli irid jidhol minn gate in Lane 1. Il-burdnar jaghti l-card personali tieghu lis-security officer biex tigi skenjata u jkollu access biex jidhol got-terminal u jaghtihielu lura. Is-security officer jistaqsi lill-burdnar jekk il-container hux vojt jew mimli ghax sa dak il-mument ikun qed jarrah frontalment.

Sabiex container jidhol fil-Freeport, jekk container ikun vojt, il-burdnar jipprovdi pass isfar u rarament dan il-pass jista' jkun abjad. Qabel il-gate In hemm delivery room li minnha jghaddi biex jaqta' chit li huwa jkollu mall-pass. Fuq il-pass huwa jkollu t-timbru tal-gurnata. Id-delivery room tiftah fis-sitta u nofs ta' filghodu u mhux permess li container vojt jew mimli jidhol qabel ma tiftah din id-delivery room min jigi ttimbrat dan il-pass u tinghata chit mieghu. Il-burdnar f'kaz ta' container vojt, irid jinzel jiftah il-container fil-presenza tas-security officer bhala verifikazzjoni li dan huwa vojt u nadif. Is-security officer irid jiccekja li n-numru tal-container ikollu quddiemu ghad-dhul jaqbel man-numru tal-container fuq il-pass u jrid jikteb in-numru tat-trakk, isem u kunjom il-burdnar, d-data u l-hin. Fl-ahhar is-security officer jiffirma dan il-pass u jikteb in-numru tieghu.

Fil-kaz ta' container mimli, pass ta' lewn abjad jinghata lis-security officer flimkien mac-chit li tkun harget mid-delivery room. Is-security officer irid jiccekja li n-numru tal-container li jkollu quddiemu jaqbel man-numru tal-container fuq il-pass, imbaghad jinzel fuq wara u jikteb in-numru tas-sigill fuq l-istess pass, jikteb ukoll in-numru tat-truck, isem u kunjom il-burdnar, d-data u l-hin. Is-security officer jiffirma dan il-pass u jikteb in-numru tieghu, idahhal fis-sistema elettronika msejha LXE n-numru tal-container u s-sigilli. Dawn huwa apparat zghir eletronika qisu Ipad u dan ikun imqabbad elettronikament mas-sitema tal-history tal-container.

Kemm fil-kaz ta' container vojt u ta' container mimli li jkun diehel gewwa l-Freeport, l-burdnar ikollu dokument li jrid imur jaghtih lill-ufficjali tad-Dwana sabiex ikun jista' jipprocedi. Dan jaghmlu wara li jkun ghadda mill-gate u ghadda mis-security check tan-nies tal-Korporazjoni li semma hawn fuq.

Meta container johrog vojt mill-Freeport irid jghaddi minnn Lane 3 fejn ebda container mimli ma ghandu jghaddi ghal ebda raguni. Il-burdnar irid jaghti l-card tieghu personali biex tigi skenjata halli turi li huwa hareg mill-Freeport. Jekk l-access ma jkunx validu li johrog, is-security irid iwaqqfu u jivverifika ghalfejn. Il-burdnar irid jaghti l-pass ta' lewn blu bit-timbru tal-gurnata li tkun inharget mid-delivery room fejn is-security irid jara li n-numru tal-container tal-pass jaqbel man-numru tal-container attwali li jkollu quddiemu. **Il-burdnar irid jinzel jiftah il-container biex is-security officer jivverifika li huwa vojt flimkien mall-ufficjal tad-dwana**. Is-security officer irid jikteb fuq il-pass n-numru tat-truck, data, hin, isem u kunjom ix-xufier, jiffirma u jikteb is-security number tieghu. Fil-kaz ta' container vojt irid jikteb fuq il-pass li huwa 'empty u s-security idahhal fis-sistema tal-LXE li l-container huwa 'empty'.

F'kaz ta' container mimli, dan irid johrog minn Lane 4 u ghall-ebda raguni ma jrid johrog minn imkien iehor. Irid jieqaf quddiem tad-Dwana u jaghmel il-process kollu. Wara li tad-dwana jara li l-hrug tieghu huwa validu jghaddi minn gol-iscanner u jieqaf quddiem is-security officer. Is-security officer jghaddi l-process tal-card tal-burdnar, jara li hi valida u jekk le irid jara ghalfejn u ma jhallihx johrog. Il-burdnar irid jipprezenta pass abjad, irid jara li l-container tal-pass jaqbel mall-container hiereg quddiemu, irid jara li ghandu l-istorage imhallas u jkollu storage date mhallsa sal-gurnata li jkun hiereg. Il-container ma jithalliex johrog jekk din id-data ma tkunx ta' din il-gurnata li fiha jkun hiereg. Fuq il-pass irid ikun hemm it-timbru tad-delivery tal-Freeport. Meta dan jara li kollox jaqbel, is-security officer imur fuq wara tal-container u jikteb in-numri tas-sigilli fuq il-pass flimkien man-numru ta' track, isem il-burdnar u l-hin hiereg mill-Freeport. Dawn id-dettalji jigi mputjati fis-sistema tal-LXE.

Ra d-digriet ta' dan it-Tribunal diversament presedut moghtija fit-30 ta' Jannar 2017 li permezz tieghu t-Tribunal cahdet it-talba tal-Korporazzjoni Ntimata sabiex dawn il-proceduri jieqfu sakemm il-proceduri kriminali kontra r-rikorrent jigu konkluzi u d-digriet tat-28 ta' Marzu 2017 li permezz tieghu l-istess Tribunal cahdet it-talba tal-istess Korporazzjoni ghar-revoka contrario imperio tad-digriet tat-30 ta ' Jannar 2017; kif ukoll id-digriet tal-15 ta' Marzu 2019 li permezz tieghu dan it-Tribunal kif preseduta cahad talba ohra li saret mill-Korporazzjoni ghas-soprasessjoni sakemm jigu decizi l-proceduri kriminali kontra r-rikorrent fol 202.

A fol 209 xehed **Carol Muscat, Deputy Senior Security** mall-Korporazzjoni Ntimata, li spjega l-procedura fosthom dik ta' container hiereg mill-Freeport li l-procedura hija l-istess cioe' jrid jidhol bil-pass u jaghti l-card fil-gate. Fit-13 ta' Frar 2014 huwa kien xoghol u kellu x-shift mar-rikorrent u r-rikorrent kien xoghol fil-Main Gate li ghandha lane 1 u lane 2 ghad-dhul u lanes 3 u 4 ghal hrug u bejn lane 1 u lane 2 u bejn lanes 3 u 4 hemm kamra zghira bejniethom. Is-securities joqghodu fil-kamra bejn container u iehor jew jirregistraw xi container jew idahhlu l-pass. In-notamenti jsiru fit-triq u fil-lanes mhux fil-kmamar.

Huwa xehed li dakinhar tat-13 ta' Frar 2014 mar id-Delivery Clerk u qallhom li hareg container meta mhux suppost li hareg. Dan sar fil-prezenza ta' Mario Zammit c-Chief Security li kien fil-kamra mieghu. **Telghu jaraw l-iscreens tas-CCTV u raw il-container hiereg li kien fuq truck bit-trailer minn Lane 3 u suppost li s-Security li jkun hemm waqqaf it-truck fil-gate, tah il-karta li jsejhulha pass. Iccekkja l-pass ra li mil-lane 3 l-container huwa vojt, u mill-filmat jidher li marru jiccekjaw jekk hux vojt, 'Issa jiena x'ra gewwa ma nafx, jiena minn fuq il-camera li rajt.' Ir-rikorrent kien xoghol dakinhar wahdu u meta xehed 'marru' spjega li kien qed jalludi ghar-rikorrent u ghal burdnar li fetahlu l-container minn wara sabiex is-security jiccekkja hux vojt. Il-burdnar kien Rokku Agius. Il-burdnar waqaf fejn is-security tah l-karta li huma jsejhulha pass marru jiccekjaw hux vojt jew le u x'kien fih il-container ma jidhirx mill-camera. Muscat spjega li suppost li waqfu tah il-pass mar jiccekja hux vojt ghax minn lane 3 johorgu vojta.**

A fol 218 et xehed **Oliver Tanti Duty Manager** mall-Korporazzjoni Ntimata, li fit-13 ta' Frar 2014 huwa kien duty wara nfosinhar meta rcieva telefonata mill-equipment Control

Supervisor John Mercieca li jiehu hsieb l-operators kollha u nforma li huwa rcieva rapport minn operator li kien hemm container li tghabba minn equipment iehor li suppost dan il-container kien mizmum. Dak il-hin huwa hareg l-istruzzjonijiet ghax meta ccekkja fuq is-sistema rrizulta li veru kien jidher dan suppost mizmum mid-Dwana u ordna biex dan il-container jigi mfittex fuq it-terminal biex jekk jinstab jergghu jpogguh lura f'postu. Il-container ma nstabx u nstab l-ghada go area differenti imma mhux fl-istess area. Containers mizmuma mid-Dwana ghal ebda raguni ma jigu mcaqalqa u sakemm jaghtihom r-rilaxxament taghhom. Il-burdnar ikollu pre booking, igifieri jkollu avviz, notifikazzjoni cioe' permess li jista' jidhol gol-Freeport, imur go din l-area u jsib l-equipment lest ghalih biex jghaddi dan il-container.

A fol 223 xehed **il-Perit Robert Sarsero Chairman** tal-Korporazzjoni Ntimata u spjega l-operat tal-Freeport; li mill-video evidence rrizulta li r-rikorrent iffacilita l-hrug ta' container minn gol Freeport li kien mizmum mid-Dwana u ttiehdu proceduri kriminali kontra r-rikorrent. Huwa kiser il-fiducja tal-Korporazzjoni, li r-rikorrent kellu diga' kaz iehor ta' ksur tal-proceduri ta' MFCL min-naha tieghu u ghalhekk din ma kinitx l-ewwel darba li r-rikorrent kien involut f'dawn it-tip ta' cirkostanzi pero' dan kien kaz serju immens. Li l-Ftehim Kollettiv ma jghid xejn skond hu dwar meta persuna ma tkunx taht arrest preventiv li r-rikorrent thallas sakemm inghata l-bail fil-bidu ta' Marzu 2014, u li l-impjieg gie terminat mit-13 ta' Frar 2014 minhabba s-serjeta' gravi tal-kaz.

A fol 258 mill-ftehim Kollettiv jirrizulta li l-leave specjali bla hlas jinghata sakemm impjegat ikun taht arrest preventiv u u anke jekk l-impjegat jigi liberat il-Kumpanija jidhrilha li l-impjegat ikun ksier xi regolament tal-kumpanija, hija xorta tista' tiehu passi dixxiplinari kontra tieghu sakemm ma jkunux fuq l-istess akkuza/i diga' trattati mill-Qorti.

A fol 263 xehed **Joseph k/a Joe Abela Security Officer** mall-istess Korporazzjoni li xehed li dakinhar kien fil-gate out mis-1pm sat-3.15pm filwaqt li l-kumplament tad-duty tieghu ghamlu fl-ufficcju principali tal-Korporazzjoni fir-reception. Ghalhekk dwar x'gara bejn l-4.30pm jew il-5pm ma jistax jixhed ghax ma kienx prezenti u spjega li l-procedura biex johrog container mill-Freeport, kif jitghabba mill-yard dan jitla' ghal ghand id-Dwana biex huma jipprocessawh u wara jigi fil-gate tas-security. Ix-xufier tat-truck jaghtihom l-pass li fuqu diga' jkun hemm l-ipprocessar min-naha tad-Dwana u s-security officer imbaghad jiccekkja l-container number u jara li jaqbel mall-pass li jkun intwera u fuq il-pass stess jinkiteb n-numru ta' registrazzjoni tat-truck, l-isem u kunjom tax-xufier u l-ID number tieghu, jiccekkja s-sigill li jkollu mall-bieb jew bieb tal-container u n-numru tas-sigill jew sigilli jinkitbu wkoll fuq il-pass. Barra minn hekk fuq il-gate hemm sensor li meta l-container ikun mghobbi b'certu materjal idoqq u jekk idoqq is-sensor jibghatuh fl-ufficcju iehor tad-Dwana li qieghed quddiem il-gate fejn hemm il-posta tad-Dwana kemm warajhom u kif ukoll quddiemhom. Dak iz-zmien kienu sitta mall-gate, tlieta fuq l-out u tlieta fuq l-in u mar-rikorrent jiftakar li kien hemm Joseph Chircop u Sandro Caruana.

Huwa esebixxa kopja tal-istqarrija li huwa rrilaxxa lill-pulizija u f'din l-istqarrija Abela jispjega x'gara dakinhar dettaljament. Huwa stqarr li kien xoghol mis-12.45pm sad-8.45pm dakinhar u l-ghada kien bil-leave. Dahal xoghol fis-1.15pm dakinhar ghax wehel fit-traffic u

kien xoghol ma' kugin tieghu Joe Chetcuti fuq barrier IN1, huwa ha n-nofs bejn IN2 u OUT3 u Sandro Caruana kien fuq il-barrier Out 4. Ghal habta ta' 15.10 gie r-rikorrent fin-nofs kien hu. Fit-15.30hrs huwa telaq mill-gate biex jibdel lil Joe Chetcuti tar-reception tal-Freeport. Ghal habta tal-4.45pm jew il-5pm cempillu kuginuh Joe Chetcuti biex icempel lil Sandro Caruana ghax kien hareg xi container minn fuqu u ma kienx induna. Chetcuti qallu li r-rikorrent kien tah il-pass lil Sandro Caruana biex jimputjah fl-LXE u dan Sandro kien qed jehodha bi kbira. Il-kugin Sandro qallu li kollox kien orrajt issa u Abela stqarr li l-kugin ma ndunax bil-gravita tal-kaz. Huwa jghid li gieli hadem mar-rikorrent li l-hin kollu tiela' u niezel bil-vann minn gate ghal ohra meta suppost ikun maghhom.

A fol 268 Sandro Caruana kkonferma bil-gurament l-istqarrija li huwa ta lill-pulizija u li fiha folji neqsin u ghalhekk mhix kompluta u li minnha jirrizulta li huwa kien xoghol in-naha tal-Out 4, Joseph Abela dahal ftit tard ghax-xoghol u kien fuq l-Out 3 u xil-3.20-m huwa mar jibdel ir-receptionist tal-Korporazzjoni ghax ir-receptionist ried jitlaq qabel. Minflok Joseph Abela mar Michael Sciberras u wara li fetah u ghalaq il-gate tal-Out 3 ir-rikorrent gibidlu l-attenzjoni u qallu biex ma joqghodx jiftaha u jaghlaqha u ghalhekk halliha miftuha. Huwa ra li dan mhux normali ghax suppost li l-barrier tinfetah u tinghalaq izda peress li r-rikorrent huwa s-senior tieghu ma saqsiex ghalfejn. F'hin minnhom meta huwa ma kellux xoghol ra lir-rikorrent maqbud bil-karozzi u mar biex jghinu izda r-rikorrent rrifjuta u qallu biex imur… fol 2, 4, u 5 tal-istqarrija neqsin. Caruana xehed li l-ghada mall-barriers kien hemm In 1 Joe Chircop mall-Out 4 kien hemm Michael Sciberras u ma' tan-nofs kien hemm security 4. Huwa kompla flok ir-rikorrent fil-Barrier 4, stante li security 4 hadu r-rikorrent ifittex il-container fit-terminal u filfatt ftit wara is-security qal is-senior li sab container fl-XC u li dan kien il-container li hareg il-bierah. Carol qallu li kien instab u komplew bix-xoghol u meta saqsha lil Carol huwa qallu li l-container kien qieghed hemm isel u ma jafx kif dahal u kif inhu ssigillat u kif meta fethuh kien fih kaxxi vojta. Ir-rikorrent beda jinsisti li seta' tarlu l-pass pero' huwa cert li mpossibli li tarlu; li huwa qatt ma hareg containers b'dan il-mod u li qatt ma hadmu bil-mod li hadmu dakinhar. Meta cempel lir-rikorrent biex jara kif baqa' r-rikorrent kien xott wisq fuq it-telefon li mhux normali. Huwa jghid li r-rikorrent gieghelu jissuspetta hazin fuq dan il-container bl-agir tieghu specjalment meta qallu biex ihalli l-barriers miftuha.

L-istqarrija rilaxxata minn Carol Muscat lill-pulizija fol 273 et la hija ffirmata u lanqas guramentata u ghalhekk it-Tribunal ma jistax jiehu konjizzjoni ta' din l-istqarrija.

Ra d-dokumenti kollha esebiti.

Ra n-nota tal-osservazzjonijiet tal-partijiet.

**<u>Ikkunsidra</u>**

Ikkunsidra li t-talbiet tar-rikorrent huma rigward tkeccija ngusta u ebda talba ma saret dwar jekk il-Korporazzjoni Ntimata agixxiet skond il-ftehim kollettiv meta hija tterminat ix-xoghol

lir-rikorrent. Veru li fid-dikjarazzjoni tal-kaz huwa jghid li l-agir tal-Korporazzjoni kien kontra l-ftehim kollettiv izda dan it-Tribunal huwa marbut li joqghod ghat-talbiet tar-rikorrent liema talbiet ma jinkludux talba sabiex jigi dikjarat li l-korporazzjoni agixxiet kontra d-disposizzjonijiet tal-ftehim kollettiv meta kecciet lir-rikorrent fid-19 t'April 2014 b'effett retroattiv mit-13 ta' Frar 2014. Huwa notorju illi *"il-funzjoni tat-tribunal, f'kawza partikolari, hi necessarjament limitata bit-termini tad-domanda"* **(Fortunata Farrugia et vs Vincenzo Galea, P.A. per Imh. William Harding, 19 ta' April, 1947 a Vol. XXXIII, P. II, p.55).**

Bhala fatt hemm qbil li r-rikorrent kien impjegat mall-Korporazzjoni Ntimata bhala Assistant Senior Security Controller;

Li kien ilu jahdem mall-istess Korporazzjoni fi gradi differenti sa mis-sena 2000;

Li fit-13 ta' Frar 2014 meta r-rikorrent kien xoghol fil-lane li minnu johorgu containers vojta, gara li container dikjarat vojt thalla johrog mill-Korporazzjoni u wara rrizulta li kien mimli sigaretti;

Li bdew proceduri nterni u bil-pulizija u mis-CCTV irrizulta li r-rikorrent kien li halla lil dan il-container jghaddi bhala vojt meta l-container kien effettivament mimli sigaretti.

Li fil-15 ta' Frar 2014 huwa gie ordnat johrog fuq vacation leave sakemm jigu terminati l-proceduri kriminali kontra tieghu.

Li fis-16 ta' Frar 2014 il-pulizija ressqet lir-rikorrent, lil burdnar li kien bit-trakk u l-container Rokku Agius u lill-ufficcjal tad-Dwana Amabile Grech il-Qorti u separatament ressqet lil hu l-burdnar ukoll fuq l-istess kaz;

Li fid-19 t' April 2014 huwa gie nfurmat li l-impjieg tieghu gie terminat b'effett mit-13 ta' Frar 2014.

B' mod generali jidher li f' materja ta' tkeccija mill-impjieg iridu jitharsu dawn il-principji rakkolti mid-duttrina Ingliza u dik kontinentali fuq is-suggett:-

(1) L-addebitu tan-nuqqas jew ta' l-imgieba hazina jrid ikun specifiku, jigifieri ghandu jkun formulat b' mod car ta' l-aspetti essenzjali u materjali tal-fatt denunzjat. Mhux accettat allura li l-addebitu jkun bazat fuq semplici suspetti vagi jew ridott ghall-alluzjonijiet generici;

(2) Ir-reazzjoni mill-principal trid tkun ukoll wahda tempestiva. Jekk xejn, biex tikkonsentixxi lill-impjegat li jkollu difiza mmedjata, u daqstant iehor effikaci, biex jilqa' ghall-akkuzi fil-konfront tieghu;

(3) Il-kontestazzjoni minn min ihaddem tesigi, b' necessita`, li tkun immutabbli, jigifieri, li jkun hemm korrispondenza bejn il-fatt kontestat u dak migjub 'il quddiem bhala bazi ta' akkuza u ta' l-azzjoni dixxiplinarja dwaru;

(4) Ta' mportanza, mbaghad, huwa l-principju tal-proporzjonalita` bejn l-addebitu u s-

sanzjoni li tigi komminata mill-principal. Dan fis-sens illi l-provvediment dixxiplinarju jrid ikun in relazzjoni mall-ghazla u l-mizura tas-sanzjoni u in rapport ghall-gravita' tan-nuqqas; s'intendi, valutata fl-entita` taghha, soggettiva u oggettiva. (**Qorti tal-Appell sede inf. Per Imh Sciberras sentenza l-ewwel ta' Marzu 2006 Appell Civili numru 1/2005 fl-ismijiet Charlot Scerri vs St Microelectronics (Malta) Limited.**

**(5) Illi fil-kawza fl-ismijiet Eileen Leone Ganado vs Link School of Languages Limited dciza fit-28 t'April 2017 mill-Qorti tal-Appell sede inferjuri per Imh Ellul** il-Qorti tenniet illi: '*Ovvjament kull kaz̊ irid jigi decizˆ skont ic̊-c̊irkostanzi partikolari tiegħu. Hi kwistjoni ta' fatt:*

*1.Jekk l-impjegat huwiex hati ta' kondotta ħazina;*
*ii. Fl-affermattiv jekk dik il-kondotta għandiex tagħti lok għat-tkec̊c̊ija.*

*Sabiex jasal għal dec̊izjoni f'dan is-sens, ovvjament it-Tribunal irid iqies ic̊-c̊irkostanzi tal-kaz̊ partikolari li jkun qiegħed jiddec̊iedi u li jirrizultaw mill-provi.'*

Illi mehuda dawn il-konsiderazzjonijiet legali mill-provi jirrizulta dan li gej:

Li r-rikorrent kien impjegat mall-Korporazzjoni Ntimata bhala Assistant Senior Security Controller u ;

Illi fit-13 ta' Frar 2014 gara l-incident li wassal ghat-terminazzjoni tal-impjieg tar-rikorrent;

Illi skond il-Korporazzjoni l-incident kien jikkonsisti li fit-13 ta' Frar 2014 waqt li r-rikorrent kien xoghol halla container tal-ghoxrin pied bin-numru TEMU 201345 mimli sigaretti johrog mill-Freeport illegalment;

Illi skond ir-rikorrent huwa ma ghamel xejn hazin ghax la d-Dwana rrilaxxawh bhala vojt ix-xufier jinghata pass celesti u xogholu jkun li l-burdnar jaghti l-pass lis-security u s-secuirty jiccekkja n-numru tal-container ghal darba darbtejn u jidhol il gewwa u x'hin jimxi t-truck iqabbel kollox mall-pass, in-number, jikteb isem ix-xufier, jicccekkja li huwa vojt u jkun jista' jidhol. (fol 48 et).

In kontro-ezami fol 348 ir-rikorrent jikkontendi li la d-Dwana rrilaxxat il-container bhala vojt ma kienx xoghol jiccekkja l-container hux vojt jew mimli;

Li fil-15 ta' Frar 2014 huwa gie ordnat vacation leave sakemm jigu terminati l-proceduri kriminali kontra tieghu;

Li fis-16 ta' Frar 2014 bdew il-proceduri kriminali kontra r-rikorrent, flimkien ma' l-ufficcjal ta' Dwana u l-burdnar Rokku Agius quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Proceduri kontra hu l-burdnar ittiehdu separatament;

Fid-19 t'April 2014 ir-rikorrent gie nfurmat li l-impjieg tieghu gie terminat b'effett mit-13 ta' Frar 2014.

Illi hemm qbil li s-sistema tahdem hekk fil-Korporazzjoni Ntimata ghal dak li procedura sabiex container mimli johrog mill-Freeport cioe li :

**F'kaz ta' container mimli**, dan irid johrog minn Lane 4 u ghall-ebda raguni ma jridx johrog minn imkien iehor. Irid jieqaf quddiem tad-Dwana u jaghmel il-process kollu. Wara li tad-dwana jara li l-hrug tieghu huwa validu jghaddi minn gol-iscanner u jieqaf quddiem is-security officer. Is-security officer jghaddi l-process tal-card tal-burdnar, jara li hi valida u jekk le irid jara ghalfejn u ma jhallihx johrog. Il-burdnar irid jipprezenta pass abjad, irid jara li l-container tal-pass jaqbel mall-container hiereg quddiemu, irid jara li ghandu l-istorage mhallas u jkollu storage date mhallsa sal-gurnata li jkun hiereg. Il-container ma jithalliex johrog jekk din id-data ma tkunx ta' din il-gurnata li fiha jkun hiereg. Fuq il-pass irid ikun hemm it-timbru tad-delivery tal-Freeport. Meta dan jara li kollox jaqbel, is-security officer imur fuq wara tal-container u jikteb in-numri tas-sigilli fuq il-pass flimkien man-numru ta' track, isem il-burdnar u l-hin hiereg mill-Freeport. Dawn id-dettalji jigi mputjati fis-sistema tal-LXE.

Izda ma hemmx qbil dwar il-procedura ta' meta container johrog vojt mill-Freeport u dan stante li l-Korporazzjoni tghid li l-proceduri hija din:

**Meta container johrog vojt mill-Freeport** irid jghaddi minnn Lane 3 fejn ebda container mimli ma ghandu jghaddi ghal ebda raguni. Il-burdnar irid jaghti l-card tieghu personali biex tigi skenjata halli turi li huwa hareg mill-Freeport. Jekk l-access ma jkunx validu li johrog, is-security irid iwaqqfu u jivverifika ghalfejn. Il-burdnar irid jaghti l-pass ta' lewn blu bit-timbru tal-gurnata li tkun inharget mid-delivery room fejn is-security irid jara li n-numru tal-container tal-pass jaqbel man-numru tal-container attwali li jkollu quddiemu. **Il-burdnar irid jinzel jiftah il-container biex is-security officer jivverifika li huwa vojt flimkien mall-ufficjal tad-dwana** (sottolinear ta' dan it-Tribunal). Is-security officer irid jikteb fuq il-pass n-numru tat-truck, data, hin, isem u kunjom ix-xufier, jiffirma u jikteb is-security number tieghu. Fil-kaz ta' container vojt irid jikteb fuq il-pass li huwa 'empty u s-security idahhal fis-sistema tal-LXE li l-container huwa 'empty'.

Id-delivery room tiftah fis-sitta u nofs ta' filghodu u mhux permess li l-container vojt jew mimli jidhol qabel ma tiftah din id-delivery room minn fejn jigi ttimbrat dan il-pass u tinghata c-chit mieghu.

Izda r-rikorrent jghid li galadarba d-Dwana jiccertifikaw il-container vojt u d-delivery room harget l-pass ta' lewn blu bit-timbru tal-gurnata xogholu huwa li joqghod fuq dan u jrid jikteb fuq il-pass n-numru tat-truck, data, hin, isem u kunjom ix-xufier, jiffirma u jikteb is-security number tieghu. Fil-kaz ta' container vojt irid jikteb fuq il-pass li huwa 'empty u s-security idahhal fis-sistema tal-LXE li l-container huwa '**empty' izda mhux xoghol is-security li jnizzel il-burdnar biex jiftah il-container halli huwa bhala security jivverifika li huwa vojt flimkien mall-ufficjal tad-dwana**.

Jirrizulta wkoll li fil-Gate In Activity Report tal-14 ta' Frar 2014 u fil-Gate Out Activity report tal-14 ta' Frar dan il-container li kien ta' ghoxrin pied bin-numru TEMU 201345 ma tnizzilx la meta dahal u lanqas meta hareg.

Illi dwar provi fil-kamp civili jigi rilevat li:

Fil-kamp civili, ghal dak li hu apprezzament tal-provi, l- kriterju ma huwiex dak jekk il-gudikant assolutament jemminx l-ispjegazzjonijiet forniti lilu, imma jekk dawn l-istess spjegazzjonijiet humiex, fic-cirkostanzi zvarjati tal- hajja, verosimili.

Dan fuq il-bilanc tal-probabilitajiet, sostrat baziku t'azzjoni civili, in kwantu huma dawn, flimkien mall-proponderanza tal-provi, generalment bastanti ghal konvinciment. Ghax kif inhu pacifikament akkolt, ic-certezza morali hi ndotta mill-preponderanza tal-probabilitajiet. Dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htija trid tirrizulta minghajr ma thalli dubju ragjonevoli."

In oltre, kif gie affermat fis-sentenza fl-ismijiet **Maria Stella Borg vs Joseph Cassar et** deciza nhar il-hamsa w ghoxrin (25) t'April 2002 mill-Prim' Awla tal-Qorti Civili:-

*"Il-gudikant, fil-kamp civili, ghandu jiddeciedi fuq il-provi li jkollu quddiemu, meta dawn jinducu fih dik ic-certezza morali li kull tribunal ghandu jfittex, u mhux fuq semplici possibilitajiet; imma dik ic-certezza morali hija bizzejjed, bhala li hi bazata fuq il-preponderanza tal-probabilitajiet. U dan ghad-differenza ta' dak li japplika fil-kamp kriminali, fejn il-htiega trid tirrizulta minghajr ma thalli ebda dubju ragonevoli."*

Ghal dak li huwa apprezzament tal-provi, l-kriterju determinanti mhuwiex jekk il-gudikant assolutament jemminx dak li jkun gie spjegat lilu, izda jekk dawk l-ispjegazzjonijiet humiex verosmili fic-cirkostanzi svarjati tal-hajja (**Borg vs Bartolo**– Appell Inferjuri – 25 ta' Gunju 1980). Il-grad ta' prova rikjest fil-kamp civili huwa dak li bizzejjed li jkun inissel certezza morali f'mohh il-gudikant li tkun indotta minn preponderanza ta' provi meqjusa fuq bilanc ta' probabilitajiet (**Caruana vs Laurenti** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 8 ta' April 1994 ; **Borg vs Manager ta' l-Intrapriza tal-Halib** – Prim'Awla tal-Qorti Civili – 17 ta' Lulju 1981; **Vassallo vs Pace** - Vol.LXX.II.144 u **Zammit vs Petrococchino** – Appell Kummercjali – 25 ta' Frar 1952).

Illi kieku t-Tribunal kellu jiehu konjizzjoni biss ta' wahda mic-charges iffirmata mir-rikorrent u li fiha fil-kontro-ezami jaghraf il-firma tieghu, din biss cioe - charge li r-rikorrent kellu fil-15 t'Ottubru 2009 fol 346 u li fiha huwa jammetti li "*Due to my dated dated 15th October 2009 during morning shift from 05:30 till 13:00 I performed my duty at gate, by checking in coming containers. It appeared that said container was declared as an empty container as the gate in pass handed by haulier was an empty container pass. By mistake the said container was not checked properly*, 'din ukoll kienet tkun bizzejjed biex dan it-Tribunal ma jasalx biex jemmen il-verzjoni tar-rikorrent cioe li huwa ma kellux ghalfejn jiccekkja li l-container kien vojt galadarba nhariglu l-pass il-blu. U dan ghax jidher li fil-15 t'Ottubru 2009 huwa kien ghamel l-istess din id-darba fil-kaz ta' containers dehlin u rrikonoxxa li kellu jiccekkja li l-container qabel ma jdahhlu l-Freeport bhala vojt. Dan it-Tribunal ma jarax u lanqas jista' jemmen lir-rikorrent li fil-kaz ta' containers hergin mill-Freeport xogholi ma kienx li jicekkja li dawn huma verament vojta.

Oltre dan meta r-rikorrent xehed in subizzjoni fol 48 et huwa jammetti li meta jkun hiereg

container huwa jaf x'inhu tad-Dwana '*ghax jieqaf it-trakk imorru jiccekkjaw li jkun vojt imbaghad jigi fuqi jien niccekkja li huwa xogholi u minn hemmhekk jekk ikun kollox jaqbel ikun jista' johrog il-container issa jekk inbiddlu xi proceduri ma nafx.*

Izda oltre dan hemm xhieda u provi ohra li jxejnu l-verzjoni tar-rikorrent fosthom:

Li bniedem b'esperjenza ta' aktar minn ghoxrin sena l-Freeport ma jirregistrax il-container li dahal u hareg mill-Freeport;

Ir-rikorrent jammetti li lil Rokku Agius huwa ma skenjalux il-card ghax ma rahx izda mix-xhieda jirrizulta li r-rikorrent ipprova jwahhal f'Sandro Caruana li l-pass tahulu u seta' tarlu ghalhekk ma nputtjahx. (xhieda ta' Joseph k/a Joe Abela u ta' Sandro Caruana);

Li l-filmati mix-xhieda mhix kontradetta juru lir-rikorrent inizzel lil burdnar u fethu l-container izda minkejja dan ir-rikorrent xorta hallih johrog bhala vojt;

It-Tribunal jaghmel referenza ghax-xhieda ta' Jesmond Baldacchino Head IT tal-Korporazzjoni Ntimata a fol 72 mill-footage tas-CCTV jirrizulta fol 81 li l-filmat juri li fit-3.30pm tat-13 ta' Frar l-container dahal vojt b'mod totalment korrett u kellu xi hadd mieghu li nizlu u tela' jsuq lifter illegalment ghax min kien impjegat tal-Korporazzjoni dakinhar kien bis-sick leave.

L-ghada l-istess container instab fil-Freeport issigillat u meta fethuh kien fih kaxxi vojta.

**<u>It-Tribunal jinnota li r-rikorrent:</u>**

Xehed li meta t-trakk ikun vojt ix-xufier jaghti pass celesti lis-security u s-security xogholu jiccekkja n-numru tal-container ghal darba darbtejn u jidhol il-gewwa u x'hin jimxi t-trakk tqabbel kollox mall-pass in number, tikteb isem ix-xufier ticcekkja li huwa vojt u jkun jista' jidhol. Fil-pass r-rikorrent spjega li huwa jimla isem ix-xufier, jikteb n-numru tat-trakk u jaghmillu empty u jqabel is-seba' numri li jkun hemm mall-container u daqshekk.

Huwa xehed ukoll li ma jafx x'inhu l-involviment tad-Dwana meta container ikun diehel izda meta jkun hiereg huwa jaf ghax jieqaf it-trakk imorru jiccekkjaw li jkun vojt imbaghad jigi fuqi jiena niccekkja li huwa xogholi u minn hemmhekk jekk ikun xoghol jaqbel ikun jista' johrog il-container.

Ix-xhieda tal-ispettur Stivala li xehed li dan kien container ta' ghoxrin (20) pied mimli 450 master case u kull master case ikun fiha hamsin grossa sigaretti u kull grossa jkun fiha ghaxar pakketti. U li mill-filmati li ghaddewlu l-Freeport ir-ikorrent jidher qed jircievi xi haga u jpoggiha fil-but u l-pass baqa' ma nstabx u jidher mill-filmat ir-rikorrent fil-25 ta' Frar filghodu qabel il-Freeport fetah ghal business jidher qieghed mall-gate meta x-xoghol jibda fis-6.30am diehel l-istess truck l-istess container diehel battal minghajr ma gie ccekjat u t-truck hareg xi hames minuti wara z-ziemel bit-trialer vojt ghax l-container imbattal baqa'

gewwa. Veru li fol 218 et Oliver Tanti Duty Manager xehed li l-container instab l-ghada mhux fil-25 ta' Frar kif xehed l-ispettur izda ghal dan it-tribunal mhux id-data l-importanti galadarba li dan sehh wara it-13 ta' Frar 2014 izda x'gara wara li l-container thalla johrog mill-Freeport bhal vojt.

It-Tribunal ma jistax ma josservax kif ir-rikorrent bl-agir tieghu mhux biss pogga l-impjieg tieghu fil-perikolu izda anke dak ta' haddiehor u tal-Korporazzjoni kollha tenut kont li xoghol il-Korporazzjoni jiddependi hafna mir-reputazzjoni taghha. Jekk hi tiehu l-fama li fil-Freeport il-containers li jithallew mhumiex fiz-zgur kemm il-Freeport kif ukoll l-impjiegi jigu perikolati.

Ghaldaqstant dan it-Tribunal qed jaqta' u jiddeciedi billi jichad it-talbiet tar-rikorrent.

Ghall-finijiet ta' l-Avviz Legali 48 tal-1986, dan it-Tribunal jistabilixxi d-drittijiet ta' min assista l-partijiet fl-ammont ta' €93.17.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

**(Iffirmat)**

**Dr Anna Mallia**
**Chairperson**

**Vera Kopja**

**Marica Psaila**
**Ghas-Segretarju**